MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2003

Numru 441/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Simon Galea)**

**vs**

**Carmelo Galea**

**Illum 18 ta' Gunju, 2003.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Carmelo Galea ta' 70 sena, mwieled Birkirkara, fl-4 ta' Marzu, 1933, bin Michele u Paola xebba Mifsud, residenti 9, Triq il-Gdida, Naxxar, detentur tal-karta ta' l-identita numru 211733M,

talli f'dawn il-Gzejjer bejn l-10 ta' Marzu, 1996, u t-13 ta' Novembru, 1998 b'diversi azzjonijiet maghmula minnek fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li kienu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda bhala detentur tal-fond 9, Triq il-Gdida, Naxxar, jew bhala persuna li kellek f'idejk l-imsemmi fond b'mezzi qarrieqa kkommettejt serq ta' kurrent elettriku minn arlogg tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond, liema serq jammonta ghal Lm208.99c2 ghad-dannu tac-Chairman Enemalta Corporation liema serq hu aggravat bil-hin, valur u mezz.

W aktar talli fl-istess zmien ghamilt hsara volontarja fl-makinarju jew gumni tal-elettriku jew ikkagunajt telf ta' kurrent elettriku;

W aktar talli fl-istess zmien ghamilt hsara jew kissirt xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew sigilli taghhom.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali skond l-Artikolu 370 (4) sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bi procedura sommarja u n-nuqqas ta' oggezzjoni ta' ;l-imputat ghall-istess procedura.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Rat l-atti tal-kawza.

Fuq ammissjoni issibu hati.

Rat l-artikoli 18, 261, 263, 264 (2), 267, 279 u 270 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat hallas l-ammont pretiz mill-Korporazzjoni Enemalta.

Rat il-fedina penali kompletament netta ta' l-imputat.

Ghalhekk tilliberrah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien tlett (3) xhur mil-lum skond l-artikolu 22 Kap 446.

Il-Qorti fissret lill-imputat l-obbligazzjonijiet tieghu naxxenti minn din is-sentenza.

**< Provediment >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------